# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 17**

**Cit. Nru. 359/92 AJM**

**Lawrence Caruana**

**vs**

**Anthony Falzon**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut biex dan jigi kkundannat ihallsu danni konsegwenzjali ghall-incident awtomobilistiku:-

> "L-attur, wara li ppremetta li hu kien qed isuq mutur tal-marka Yamaha numru ta' registrazzjoni P-0703 u kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenut li kien qed isuq karozza tal-marka Skoda numru ta' registrazzjoni V-4996 u dana f'Cottonera

Avenue, Fgura; illi tali incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza ta' regolamenti tat-traffiku; illi minhabba f'dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli anke ta' natura permanenti kif iccertifika Mr. Casaletto; illi l-konvenut interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni ta' danni baqa' ma hallas xejn; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Ottubru, 1991 gara tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non osservanza ta' regolamenti;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut eccepixxa li hu ma kienx responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-13 ta' April, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici, iddikjarat li l-incident imsemmi fl-att tac-citazzjoni gara unikament tort u htija tal-konvenut, u llikwidat id-danni ta' l-attur fis-somma ta' Lm3719, u kwindi kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali minn dakinhar tas-sentenza bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> L-incident sotto ezami gara ghall-habta tat-3.30 p.m. tat-22 ta' Ottubru, 1991 go Vjal Kottoner, Zabbar. Din it-triq hija wiesgha u dritta b'mod li tippermetti vizwali fit-tul. F'parti mill-karreggjata kienu qed isiru xi xogholijiet minn haddiema ta' xi dipartiment b'mod li ghall-parti kbira mill-wisgha tal-karreggjata, fuq in-naha tal-konvenut, izda wkoll testendi sa 6.5 metri mill-bankina fuq in-naha ta' l-attur, kien hemm gandott miftuh li go fih kienu ghadhom kemm ghamlu il-concrete frisk. Bejn it-tarf tal-gandott, fuq in-naha tat-triq ta' l-attur u l-bankina, kien hemm vettura ipparkjata li naqqset l-ispazju traffikabbli.
>
> L-attur, bl-motor cycle Yamaha nru. P-0703, kien gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar lejn Paola, miexi fuq in-naha tieghu tat-triq u bi speed dikjarat ta' inqas minn 20 m.f.s. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta isuq Skoda Nru. V-4996, ra l-gandott, gibed lejn il-lemin biex jiskapulah, u kif qed jerga jikser lejn ix-xellug jittanta jidhol fuq in-naha tieghu tat-triq, lemah lill-attur gej – bi speed qawwi – tfixkel, inqaleb, habat mal-kar tal-konvenut, ftit jew wisq fejn din tidher wieqfa fl-iskizz, u l-mutur tkaxkar ghal fejn jidher fl-iskizz (Dok A), cirka tul ta' xi tlett karozzi. Meta waqa' l-attur sofra griehi fuq persuntu billi kiser il-polz tax-xellug u kellu wkoll hsara fil-mutur.
>
> Cottoner Avenue hija wiesgha' 16-il metru. Ghalhekk propjament kull wiehed mill-kontendenti kellu, ghall-uzu tieghu, wisa' ta' tmien metri. F'dik il-wisa' kull sewwieq ma kellux jistenna li l-passagg liberu tieghu jigi ostakolat. Gara li l-karreggjata tal-konvenut kienet ostakolata ghall-wisa' taghha kollu b'mod li biex il-konvenut seta' jipprocedi fid-direzzjoni fejn kien sejjer, kellu bilfors jigbed lejn il-lemin, u b'hekk jidhol fil-karreggjata ta' l-attur. Dana kellu dritt jaghmlu l-konvenut, billi hadd ma hu mistenni li jibqa' wieqaf fit-triq semplicement ghax hemm ostakolu. Izda la darba kien il-konvenut li kien ser jidhol fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta kien mistenni minnu li jiehu prekawzjonjiet adegwati sabiex bl-ebda mod ma jfixkel jew jipperikola t-traffiku li kien qed juza l-karreggjata li kien ser jidhol fiha. Fost dawn l-obbligi hemm dak

tal-'*proper look out'* u li jaghti d-dritta lit-traffiku gej mill-faccata qabel ma jittanta li jaghmel il-manuvra tieghu.

Kif irrizulta ampjament mix-xhieda tal-partijiet u ta' l-ufficjal inkarigat mill-investigazzjoni, u anke kif inhu maghruf lil kull min jaf il-lokalita', il-vizwali f'Cottoner Avenue hija tajba ghal distanza konsiderevoli, billi t-triq hija dritta fit-tul. Il-konvenut ghalhekk seta', bil-minimu ta' attenzjoni, jara lill-attur gej u ghalhekk kellu obbligu li jieqaf u jhallih jghaddi. Mix-xhieda tal-konvenut jidher li dan qatt ma ra lill-attur javvicina qabel ma ttanta jikser ghal fuq il-karreggjata opposta. Rah biss wara li gibed lejn il-lemin u rega' beda jdur biex jipprova jidhol fuq in-naha tieghu tat-triq. Ghalhekk jidher li l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu u kwindi ghandu jirrispondi ghal dak li gara.

Il-konvenut izda qed isostni li t-tort kien ta' l-attur minhabba tlett fatturi:-

a) <u>Li l-attur seta' jarah qed jaghmel il-manuvra tieghu minn distanza u ghalhekk kien jinkombi lilu li jiehu l-prekawzjonijet mehtiega</u>.

Dan l-argument, fil-fehma tal-Qorti, mhux accettabbli. Kif rajna aktar-il fuq l-attur kien miexi fuq in-naha tieghu tat-triq u kien il-konvenut li kien ser jinvadilu l-karreggjata. Ghalhekk kien il-konvenut obbligat li jieqaf u mhux vice versa. Inoltre mix-xhieda ta' l-attur, liema verzjoni tidher verosimili, jidher li meta l-konvenut gibed lejn il-lemin, dan kien jidher qisu ser jipparkja fuq in-naha tax-xellug ta' l-attur. F'dak il-mument ma kienx qed johloq ostakolu lill-attur, billi l-istess attur seta' facilment jibqa' ghaddej fi triqtu, il-barra mill-karozza tal-konvenut. Kien meta l-konvenut rega' gibed il-barra biex jidhol fuq in-naha tieghu tat-triq, li l-attur gie imfixkel b'tali mod li tilef il-kontroll tal-mutur u inqaleb.

b) <u>Li l-attur kien miexi bi speed eccessiv</u>

B'din id-difiza l-konvenut qed jallega li l-konvenut kellu a 'self inflicted incapacity'. Cioe' l-ispeed ezagerat tieghu maq ppermettielux jirreagixxi tempestivament u ghalhekk tilef il-kontroll u habat. Issa hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li qal l-attur u dak li qal il-konvenut dwar speed ta' l-attur. Filwaqt li l-konvenut semma speed ta' 50 m.f.s., il-konvenut xehed li ma kienx miexi aktar minn 20 m.f.s., il-konvenut xehed li ma kienx miexi aktar minn 20 m.f.s. Il-Qorti tosserva hawn li l-konvenut ra lill-attur xi attimi qabel l-incident u li rah gej mill-faccata. F'dawn

ic-cirkostanzi huwa difficli hafna, anzi kwazi impossibbli, li taghmel kalkolu realistiku tal-velocita' tal-vettura. It-tendenza hi li, minhabba is-subitaneita' ta' l-akkadut, wiehed jiehu impressjoni ta' speed qawwi. Din l-impressjoni, hafna drabi, tigi kontradetta minn fatti ohra li jirrizultaw lill-Qorti.

Mill-iskizz ta' l-incident jidher li wara l-impatt bejn il-mutur u l-vettura, l-istess mutur tkaxkar ma' l-art ghal distanza ta' cirka 10 metri. Din id-distanza l-mutur ittraversaha jitkaxkar ma' l-art. Ghalhekk ma gewx adoperati l-brakes. Issa distanza simili mhix distanza twila u ma tindikax speed elevat. Certament mhux speed ta' 50 m.f.s. Biex il-mutur waqaf f'tali distanza bilfors li kien miexi bi speed ferm aktar baxx u ghalhekk l-ispeed imsemmi mill-attur ta' 20 m.f.s. huwa aktar verosimili. Speed tali bl-ebda mod ma jista' jinghad li kien perikoluz jew li b'xi mod kien jimpedixxi lilll-attur milli jikkontrolla l-vettura tieghu f'kaz ta' emergenza. Ghalhekk din is-sottomissjoni tal-konvenut qeghda wkoll tigi skartata.

c) <u>Li kien hemm spazju bizzejjed biex jghaddu iz-zewg vetturi</u>

Ghandu jigi rilevat hawn li fl-ispazju rimanenti bejn it-tarf tal-gandott u l-bankina fuq ix-xellug ta' l-attur, liema wisa' kienet ta' 6.5 metri, kien hemm karozza ipparkjata kif tidher fl-iskizz. Din il-vettura kienet tokkupa cirka wisa' ta' zewg metri u ghalhekk l-ispazju rimanenti minn fejn setghu jghaddu l-kontendenti, kien ta' cirka 4.5 metri, ossia 14-il pied. Taht cirkostanzi normali din il-wisa' hija sufficjenti sabiex jghaddu karozza u mutur kontra xulxin. Infatti hafna toroq tal-kampanja taghna huma idjaq minn hekk. Izda l-kwistjoni mhux hawn. L-incident ma sehhx bejn zewg vetturi mixjin fi triq t' wisa' jew ahjar djuq kostanti ta' 14-il pied. Izda dan id-djuq kien 'bottle neck' kagunat minhabba xogholijiet li kienu qed isiru fuq parti mill-karreggjata. L-incident ma garax ghax l-attur, kif irid jallega l-konvenut, ma zammx in-naha tieghu ta' dik il-parti dejqa rimanenti tal-karreggjata. Izda pjuttost gara, ghax l-attur gie imfixkel meta l-konvenut, l-ewwel gibed lejn il-bankina, qisu ser jipparkja, u wara rega' gibed il-barra u b'hekk qasam it-trajettorja ta' l-attur. Din il-manuvra kienet necessitata minhabba x-xogholijiet, izda kif gja rajna aktar 'il fuq, la darba kien il-konvenut li kien ser jidhol fil-karreggjata ta' l-attur kien jinkombi fuqu li ma jaghmel xen li jista' jfixkel jew jostakola lit-traffiku.

Fil-fehma tal-Qorti l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut li qabad u dahal fil-karreggjata ta' l-attur u bil-manuvra

> tieghu fixkel lill-istess attur u gielu jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu.
>
> Bhala rizultat ta' l-incident l-attur kiser il-polz tax-xellug. L-attur kien jahdem fil-gebel u ghandu sena ta' naggar. Skond l-espert mediku Dr. Frederick Zammit Maempel, mahtur mill-Qorti, l-attur qed ibati minn disablita' permanenti ta' tnax fil-mija. Meta gara l-incident l-attur kellu tlieta u tletin sena. Jixraq ghalhekk li fil-komputazzjoni ta' 'lucrum cessans' jigi adoperat 'multiplier' ta' sbatax-il sena. L-attur 'ex admissis' huwa 'minimum wage earner'. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-kumpens ghandu, fuq firxa ta' ghoxrin sena, mehud in konsiderazzjoni l-effett ta' l-inflazzjoni, jigi komputat a bazi ta' dhul medju ta' elfejn u mitejn lira maltin fis-sena. Mill-ammont finali jitnaqqas 20% minhabba fatturi imprevedibbli.
>
> Mehudin in konsiderazzjoni l-fatti kollha fuq imsemmija l-ammont ta' dannu dovuti lill-attur taht il-kap ta' 'Lucrum Cessans' jammont ghal tlett elef hames mija u disghin lira li qed jigi arrotondat ghal Lm3600.
>
> Illi oltre dawn id-danni l-attur sofra hsarat fil-motor cycle ammontanti ghal Lm119. Dawn bl-ebda mod ma gew ikkontestati u ghalhekk qed jigu accettati".

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenut b'appell principali li jinvesti biss il-mertu dwar ir-responsabilita', waqt li l-attur appella incidentalment, naturalment b'appell limitat ghall-quantum tad-danni.

**L-appell principali**

Il-konvenut isostni illi l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza kien gara unikament tort ta' l-appellat u principalment ghar-raguni li hu ma kienx zamm 'a proper look out', billi "ma ndunax bid-devjazzjoni tat-traffiku minhabba li kienu qed isiru xogholijiet pubblici. "Inoltre l-appellat

ma kellux ghalfejn jitlef il-kontroll tal-mutur billi kellu spazju bizzejjed minn fejn seta' jghaddi. L-appellant jirrileva li fil-post fejn gara l-incident, parti wiesgha tal-karreggjata fuq in-naha ta' l-appellant, kienet imblukkata permezz ta' gandott imhaffer fil-kors tax-xogholijiet biex jghaddi, u kellu bilfors jigbed lejn in-naha tal-lemin, u b'hekk jinvadi l-karreggjata ta' l-appellat. Dan hu kellu dritt jaghmlu ghaliex, kif irriteniet l-ewwel Qorti, qatt ma kien mistenni jibqa' wieqaf fit-triq ghax kien hemm ostakolu. B'dana kollu, nonostante il-gandott, xorta kien ghad fadal wisa' ta' aktar minn erbatax-il pied minn fejn setghu facilment jghaddu il-karozza u l-mutur kontra xulxin. Ma kien hemm allura l-ebda raguni li tinduci lill-appellat jitlef il-kontroll tal-mutur. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx importanza ghall-i*spot of impact* kif immarkat fuq l-isketch mis-Surgent tal-Pulzija. Skond dan, l-i*spot of impact* juri li l-habta saret wara li l-appellant kien diga' ghadda minn bejn il-gandott u l-bankina, u kien qieghed jaqbad biex jerga' jmur fuq is-*side* tieghu. Dan l-i*spot of impact* allura jikkorrobora perfettament il-verzjoni ta' l-appellant. Dan isostni li l-kawza ta' l-incident kienet il-velocita' eccessiva li biha kien qieghed isuq il-mutur l-appellat. Ghalkemm kien minnu li l-appellat ma tkaxkarx fit-tul wiehed kellu jqis illi dan sehh aktarx ghax il-mutur kien habat ma' karozza ipparkjata fit-triq.

Din il-Qorti qieset l-aggravju fid-dawl tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata u waslet ghall-konvinciment li ma ssibx raguni ghaliex kellha

tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti, li jidher li hadet in konsiderazzjoni l-ilmenti kollha rilevanti biex tistabilixxi min kellu jigi akkollat bir-responsabilita' ghas-sinistru.

Ezami ta' l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti juri li din sewwa applikat ir-regolamenti tat-traffiku li kull wiehed mis-sewwieqa involuti fl-incident kellu josserva tenut kont tat-topografija tal-lokalita' fejn gara, u tat-traffiku li kien qieghed jutilizza t-triq f'dak il-mument. Ma hemm l-ebda dubju illi l-incident gara fil-hin meta l-konvenut kien jehtieglu jmur kompletament *wrong side* minhabba x-xogholijiet ta' trinka fuq in-naha tieghu tat-triq b'mod li invada ghal kollox il-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Issa hu veru illi: "Sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizzjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal dik il-kollizzjoni" (Vol. XLVII, P.II, p.966). "Kwantu ghall-imputazzjoni................jekk l-imputat kellux htija fil-kollizzjoni li saret, il-fatt li hu minflok fuq ix-xellug nett tat-triq, kif ir-regolamenti tat-traffiku jridu, kien fuq il-*crown of the road,* mhux fatt deciziv ghal dan il-punt. Mhux biss ghax "*on a clear highway it has been held that a car need not keep to the left side of the road",* (Gibb Motor Accident Cases, Section 32), imma anke ghaliex hu principju fondamentali illi: "*The violation of the rule of the road is not conclusive*

*evidence of negligence. Such a violation will not bar a party's recovery unless it was the proximate cause of the injury*". (Ibid Section 34) (Vol. XXXVII, P.IV, p.1137, u wkoll Vol. XLVI, P.III, p.762 u ohrajn, fosthom "Cecil Ellul vs. Joseph Muscat", deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1999).

Stabbilit allura illi l-konvenut appellant zgur kien kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u mhux semplicement *on the crown of the road* u stabbilit ukoll illi t-triq fejn gara l-incident kienet wahda li tipprovi viswali tajba u fit-tul, tinholoq prezunzjoni iuris tantum li l-htija ghas-sinistru kellha tkun akkollata fuq il-konvenut li invada t-triq ta' l-attur, salv illi l-istess konvenut jipprova li ma kienx is-sewqan tieghu illi pprovoka s-sinistru jew li kien il-kawza prossima u immedjata tieghu. L-oneru tal-prova allura f'dawn ic-cirkostanzi hu spustat ghal fuq il-konvenut. "It-triq hemmhekk hija dritta u wiesgha u ghandha certu tul u ghalhekk min ikun niezel, bhal ma kien niezel il-mutur, jista' jara x-xogholijiet li qed isiru. <u>L-istess nghid ghal min ikun tiela</u>. Fl-ispazju ta' 6.5 metru, cioe' bejn it-tarf tal-gandott u t-tarf tat-triq in-naha l-ohra, setghu jghaddu facilment il-karozza u l-mutur............... u jien nghid li anke bil-prezenza tal-karozza pparkjata li kien hemm fl-isketch, xorta wahda kienu jghaddu zewg karozzi".

Ma kien hemm l-ebda dubju li kienet korretta l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li una volta kien il-konvenut li ser jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, kien misenni fuq kollox minnu li jiehu prekawzjonijiet adegwati sabiex bl-ebda mod ma jfixkel jew jipperikola t-traffiku gej minn dik id-direzzjoni. Filwaqt li certament kull sewwieq kellu l-obbligu li jzomm *a proper look out,* kien jinkombi fuq il-konvenut grad ta' diligenza ferm akbar biex jaccerta ruhu illi, qabel ma jaghmel il-manuvra biex jinvadi l-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni kuntrarja, ikun jista' jibda jkompli u jtemm dik il-manuvra perikoluza minghajr riskju u wkoll minghajr ma jissorprendi propju lil dak it-traffiku li, bi dritt, ikun qed juza l-karreggjata ghalih rizervata. Il-fatt illi hu provat li l-attur tilef il-kontrol tal-mutur u fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet ohra plawsibbli, inkluza n-nuqqas ta' prova li kien qed isuq fi speed eccessiv, hu indikattiv illi l-manuvra tal-konvenut issorprendiet u hasdet lill-konvenut. Filwaqt illi fl-aggravju tieghu l-appellant konvenut jimputa lill-attur nuqqas ta' *proper look out*, jidher li tali imputazzjoni setghet tigi indirizzata daqstant facilment lejn l-istess konvenut. Infatti, hu jikkonferma li qatt ma kien ra lill-attur javvicinah mid-direzzjoni opposta qabel ma kien iddecieda li jsuq fuq il-karreggjata mnejn dan kien gej biex jevita l-gandott. Una volta l-appellant konvenut ma kienx ra lill-attur qabel, nonostante li kellu vizwali fit-tul u fid-dritt, kienet gusta l-konkluzzjoni li ma kienx attent ghat-traffiku li kien hemm

fuq it-triq, nonostante li kien qieghed fil-mument li jaghmel manuvra perikoluza li kienet tirrikjedi attenzjoni u prudenza massima.

Mill-banda l-ohra, anke jekk jigi konsidrat illi daqstant iehor seta' ma kienx attent l-attur, li wkoll kellu l-istess vizwali libera, u allura l-Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti, il-Qorti kellha necessarjament tasal ghall-konkluzzjoni li min kellu l-obbligu li jipprova (f'dan il-kaz il-konvenut li kien prima facie prezunt bi htija ghall-incident) ma kienx irnexxielu jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-htija fuq il-parti l-ohra. "Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera, u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet". (Joseph Vincent Rausi vs Joseph Muscat, deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru, 1992). Il-gudikant allura kellu jasal ghall-konkluzzjoni li min jallega u min allura kellu l-oneru tal-prova, ma jkunx issodisfa l-prova.

Fil-fehma ta' din il-Qorti allura kienet korretta l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li fin-nuqqas ta' prova determinanti da parti tal-konvenut appellant li takkolla l-htija fuq l-attur appellat li kellu r-*right of way,* li kien qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, bi speed li bl-ebda mod ma rrizulta li kien

in eccess ta' dak konsentit fil-lokalita, u li ma jirrizultax li kien qieghed isuq b'xi mod iehor imprudenti jew negligenti, il-konkluzzjoni inevitabbli kellha tkun li t-tort tal-kollizzjoni kellu jigi addebitat kollu kemm hu lill-konvenut. Dan billi ma kienx irnexxielu jiskolpa ruhu mill-prezunzjoni iuris tantum li min jinvadi l-karreggjata ta' haddiehor kellu jitqies li kien responsabbli ta' l-incident sakemm ma jiggustifikax il-komportament fis-sewqan tieghu konformement mar-regolamenti applikabbli fic-cirkostanzi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq riportata, tanalizza b'mod preciz kull fazi ta' kif zvolgew il-fatti qabel l-impatt. Analizi akkurata u korretta li ma thalli l-ebda dubju dwar il-htija tal-konvenut bazata fuq il-kostatazzjoni li dan ma hax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega li kellu jiehu qabel ma ddecieda li jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta ghalih. Certament il-konvenut appellat ma jistax jiehu xi vantagg mir-rejazzjoni ta' l-attur *in the agony of collision.* Rejazzjoni li fl-ahhar mill-ahhar tirrizulta li hi konfacjenti ma' dak li wiehed jistenna sewwieq ta' mutur meta rinfaccjat b'karozza gejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dana anke bil-konsapevolezza li min ikun qed isuq fuq in-naha tajba tat-triq kellu kull dritt li jistenna illi l-karreggjata tieghu ma tkunx invaduta u l-passagg liberu tieghu imfixkel minn vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta li kellhom l-obbligu sagrosant li jaccertaw ruhhom li dik il-parti ghat-triq

mhux rizervata ghalihom tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku. Hielsa sal-punt li jkunu jistghu jibdew u jtemmu l-manuvra perikoluza taghhom, bla xkiel u riskju ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Il-Qorti allura sejra tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tar-responsabilita'. Qed tichad ghalhekk l-appell principali tal-konvenut. Appell li ma jaghmel l-ebda accenn ghall-aggravju fir-rigward tal-quantum tal-likwidazzjoni tad-danni.

**L-appell incidentali**

Mill-banda l-ohra l-attur appella incidentalment propju fuq il-quantum tad-danni. Jikkontesta diversi aspetti ta' din il-likwidazzjoni li din il-Qorti sejra tezamina fl-ordni kif lilha sottomessi. Tippremetti qabel xejn pero' li anke in materja tal-likwidazzjoni ta' danni, l-apprezzament li taghmel l-ewwel Qorti rigward tal-fatti rilevanti biex jigu stabbiliti l-elementi li fuqhom jigi kwantifikat il-lucrum cessans, ma kellux leggerment jigi disturbat minn din il-qorti ta' revizjoni. Il-punti ta' kontestazzjoni ta' l-attur huma principalment tnejn: l-ewwel fir-rigward tal-multiplier li kellu jigi wzat fil-komputazzjoni tad-danni futuri subiti, u t-tieni dwar ir-riduzzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet fir-rigward tal-*lump sum payment*. L-attur jaghmel riferenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-qrati fir-rigward kif il-multiplier kellu jigi kalkolat. Hu jissottometti li l-multiplier

f'dan il-kaz kellu jkun ta' 28 sena minhabba li hu kellu biss 33 sena meta ssuccieda l-incident. Konsegwentement kien ghad baqalu aspettattiva ta' hajja lavorattiva ta' daqstant snin sakemm jaghlaq l-eta' pensjonabbli ta' 61 sena. Hu allura ma jaqbilx ma' l-ewwel Qorti li stabbiliet multiplier ta' 17-il sena.

L-attur ghamel riferenza ghal diversi gudikati ta' dawn il-qrati, b'mod partikoli ghad-decizjoni fil-kawza "Kevin Agius vs Colin Murphy noe" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' Marzu, 1990. F'dik il-kawza saret riferenza ghas-segwenti konsiderazzjoni: "(Il-Qorti) Hi tal-fehma li m'ghandhiex tkun marbuta mad-decizjonijiet li jillimitaw il-'life expectancy' sa massimu ta' 20 sena. Dan jista' jkun, u fil-fatt hu ppruvat, li kien f'certi kazijiet, estremament ingust. Hu ovvju per ezempju, li mhux gust illi tillimita l-hjja lavorattiva ta' guvni ta' tmintax (18)-il sena ghal dan il-massimu. Dan ghaliex fir-rejalta' tal-hajja, il-midrub ikollu possibilita' kbira li jissupera dan il-limitu ta' eta' fittizja".

Din il-Qorti taqbel ma' din il-konsiderazzjoni. Ma taqbilx pero' illi dan necessarjament ifisser li f'kull kaz il-kalkolu ta' zmien ta' "life expectancy", fis-sens ta' aspettattiva ta' hajja lavorattiva, kellha tekwivali ghad-differenza bejn l-eta' tal-vittma u l-eta' pensjonabbli. Anke hawn il-kriterju hu ghal kollox wiehed riskjuz u alejatorju, semplicement ghaliex wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-*chances and changes* tal-hajja

huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistablixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat. Bizzejjed jinghad li l-aspettativa ta' hajja lavorativa utili llum testendi oltre l-eta' pensjonabbli, li minn banda tfisser li l-vittma ser tibqa' tbati minn debilita' anke wara dik l-eta', u minn banda tfisser illi il-vittma ser tibqa' tkun f'posizzjoni li tahdem f'xoghol fruttifru oltre dik l-eta'. Il-grad u x-xorta ta' debilita' jassumu allura importanza determinanti kif taghmel ukoll il-kwalita' ta' xoghol, professjoni u kapacita' lavorattiva tieghu.

L-ewwel Qorti ddeterminat multiplier ta' 17-il sena minghajr ma tat raguni fuq liema kriterju kienet hekk qed taghmel. Din il-Qorti tifhem li mhux facli li wiehed jiggustifika fuq liema bazi l-ewwel Qorti waslet ghal dan il-multiplier, jekk mhux ghaliex kienet telqet mill-punto di partenza illi kellu jkun hemm massimu ta' 20 sena bl-applikazzjoni tal-principji fis-sentenza klassika "Butler vs Heard", li f'dan ir-rigward din il-Qorti tqis li huma sorpassati. Kellhom il-vantagg li jaghtu kriterju uniformi, anke jekk fl-applikazzjoni tieghu seta' kien f'certi kazijiet ingust. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi cirkostanza illi tinduci lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-attur ma kellux, salv l-imprevist, jibqa' jahdem sa eta' ta' 61 sena. Il-Qorti kellha allura biss tipprovdi ghal dak l-imprevist, naturalment b'mod ghal kollox approssimattiv. F'kaz fejn l-etajiet kienu identici ghal dawk taht ezami, fil-kawza fl-ismijiet "Elvira armla ta' Nazzareno Abela vs. Onor. Prim Minstru et" deciza minn din il-Qorti fit-

30 ta' Dicembru, 1994, gie hekk ritenut: "L-attrici ppretediet hajja lavorattiva ghal zewgha ta' 28 sena, waqt li s-sentenza tikkoncedi 25 sena. Nazzareno Abela, meta miet, ( kien incident fatali) kellu 33 sena u ma hemm xejn fil-process li jindika li huwa ma kellux aspettativa ta' xoghol sakemm jaghlaq 61 sena. Tghid is-sentenza appellata "Konformement mat-tendenza li tidher prevalenti fil-qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet din il-Qorti jidhrilha li huwa l-kaz li tadotta multiplier ta' 25 sena u dan mehud kont li l-hajja lavorattiva tal-bniedem m'ghadhiex dik li kienet u twalet sostanzjalment, kemm minhabba l-opportunitajiet li jezistu, kif ukoll minhabba li n-nies saru aktar longevi u kwindi aktar propensi ghax-xoghol". Wara din l-osservazzjoni allura din il-Qorti ma fehmitx ghaliex tnaqqsu tlett snin mill-hajja lavorattiva normali li kellha tigi akkordata lill-vittma meta ma rrizultat l-ebda indikazzjoni li hija kienet batiet jew qed tbati minn xi marda jew menomazzjoni ohra li setghet qassritilha l-aspettattiva tal-hajja. Din l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti takkolji effettivament wiehed mill-punti ewlenin tal-kritika ghall-metodu ta' "Butler vs Heard" ta' l-1967 li fuq il-konsiderazzjoni "the chances and changes of life" kien jiddetta t-tnaqqis fil-hajja lavorattiva ghall-vittma fuq il-presuppost li din, kieku baqghet tghix, ma kienetx tghix kemm wiehed kien jistenna u allura l-gudikant jista' jnaqqas mit-tul ta' dik il-hajja".

Din il-Qorti kif presjeduta, ghalkemm tikkondividi l-hsieb wara din il-konsiderazzjoni, tifhem illi l-ewwel Qorti ma kienetx qeghda attwalment tnaqqas tlett snin hajja lavorattiva, imma kienet qeghda tiehu konsiderazzjoni tal-fatt li peress illi kien mistenni normalment li wiehed jista' jestendi l-hajja lavorattiva tieghu oltre l-hajja pensjonabbli, kien xieraq li biex wiehed jiehu kont tac-*changes and chances* tal-hajja, jistabilixxi multiplier ta' 25 sena. Din il-Qorti ma taqbilx li wiehed kellu jinjora l-element ta' futur injot kondizzjonat bic-*chances and changes* of life. Konsegwentement qeghda anke f'dan il-kaz, tiddekreta illi kien ferm aktar rejalistiku u gust multiplier ta' 25 sena minflok ta' 17-il sena kif stabbilit mill-ewwel Qorti billi dan jirrifletti aktar ir-realta' tal-hajja u l-possibilitajiet ta' xoghol futur miftuha ghall-vittma. (Ara wkoll diversi gudikati ohra, fosthom sentenza "Arthur Bonello et vs. James Camilleri et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar, 1998). "Barra minn hekk ma thossx li tkun qed issir gustizzja mad-danneggjat jekk ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu tigi attribwita lill-attur danneggjat aspettattiva ta' hajja <u>aqsar minn dik rejalment aspettata</u> u dan fuq ebda bazi ta' xejn. Barra minn hekk l-appellant ghandu jirrealizza wkoll l-fatt li l-paga li jdahhal illum l-attur ma hiex sejra tibqa' hekk matul iz-zmien kollu li hu sejjer jibqa' jahdem" (Vincent De Brincat et vs. Mary Rose mart Joseph Vella" decisa minn din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 1992 f'kaz fejn guvni ta' 18-il sena sofra debilita' permanenti u d-danni gew kalkolati fuq firxa ta' 40 sena). "L-ewwel Qorti waslet ghall-

konkluzzjoni li meta gara l-incident l-attur kellu 29 sena, u wiehed kien ragonevolment jistenna li kien ikollu hajja lavorattiva shiha sa eta' pensjonabbli ta' 61 sena, cioe' kien ghad fadallu almenu 32 sena ta' hajja lavorattiva. Ikkonsidrat ukoll ic-cirkostanzi ohra ghall-fatt li wisq probabbli l-appellat ma kienx eventwalment jibqa' jaghmel l-istess tip ta' xoghol minhabba l-kwalita' ta' strapazz li kien jinvolvi u li allura ghandu jkun hemm xi tnaqqis marginali fil-kapacita' tal-qliegh tieghu. Ikkonsidrat ukoll ic-*chances* u c-*changes* tal-hajja u waslet ghall-konkluzzjoni li l-multiplier ghandu jkun wiehed ta' 35 *years purchase*" ("Emanuel Agius vs Mario Borg" deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 1995). Din il-Qorti allura sejra tirriforma l-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sens li ser tikkalkola l-lucrum cessans fuq bazi ta' multiplier ta' 25 sena.

**<u>Il-lump sum payment</u>**

L-attur jilmenta wkoll fl-appell incidentali tieghu mill-fatt li l-ewwel Qorti naqqset 20% minhabba l-*lump sum payment*. Jissottometti li dan it-tnaqqis ma kellux isir inter alia ghaliex il-proceduri legali kienu ilhom pendenti ghal zmien twil. Anke hawn hu jaghmel riferenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-qrati in materja. L-incident gara fit-22 ta' Ottubru, 1991, u l-kawza qed tigi finalment deciza llum 10 snin wara. Din il-Qorti hi tal-fehma li allura dan l-aggravju hu gustifikat. Jekk xejn

ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jimmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident u kontra l-vittma li sofriet id-danni. Hi taghmel taghha is-segwenti insenjament fil-gurisprudenza recenti:

> "Mid-data ta' l-incident ghaddew kwazi seba' snin u nofs. Il-Qorti jidhrilha li hu zmien opportun biex dan l-aspett fil-kalkolu tal-lucrum cessans li hu llum pjuttost accettat mill-gurisprudenza, jigi razzjonalizzat. Dana bhala gwida u mhux bhala regola. It-tnaqqis mill-persentagg li beda recentement jigi introdott mill-Qrati, biex b'xi mod jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji u fil-likwidazzjoni tal-kumpens, hu motivat ukoll mill-fatt li ma hux sal-lum possibbli li jigi degretat il-hlas ta' l-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara. Jidher allura li jekk jigi kalkolat li l-valur tal-kapital bl-akkrexximent ta' l-imghax f'investiment ghaqli, ghandu pratikament jirdoppja fi zmien ghaxar (10) snin, ikun gust li l-persentagg ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghall-lump sum payment jigi ugwalment ridott fuq dan il-perjodu b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza. Hu xieraq ukoll li ma jsir l-ebda tnaqqis fir-rata, fil-kazijiet fejn il-kumpens dovut ikun gie finalment determinat fi zmien ragonevoli – li l-Qorti tqis li ghandu jkun tlett (3) snin – minn meta jsehh l-incident li pprovoka d-danni. Dana mhux biss ghaliex dan hu zmien li fih il-proceduri gudizzjarji ghandhom jiehdu l-kors taghhom, imma wkoll biex jinghata spazju, opportunita' u incentiv lill-kontendenti li jfittxu soluzzjoni bonarja fl-iqsar zmien possibbli". (Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri, deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru, 1993).

Din il-Qorti allura sejra tilqa' dan l-aggravju u tikkonsidra illi hu gust illi fic-cirkostanzi tal-kaz ma jigi mnaqqas xejn ghal-lump sum payment. Il-lucrum cessans jigi ghalhekk kalkolat fuq il-paga minima ta' Lm2,200 multiplikat b'25 "years purchase", diviz b'12% disabilita' li jaghti rizultat ta' Lm6,600. Ma' dan l-ammont kellha tizdied somma ta' Lm119, damnum emergens kif stabbilit fis-sentenza appellata. Dan igib l-

ammont totali ta' danni fis-somma komplessiva ta' sitt elef, seba' mija u dsatax-il lira(Lm6,719).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej.

(1) Tichad l-appell principali tal-konvenut;

(2) Tilqa' l-appell incidentali ta' l-attur billi tillikwida d-danni komplessivi lilu dovuti mill-konvenut konsegwenzjali ghall-incident mertu tal-kawza fl-ammont komplessiv ta' Lm6,719. Konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-attur din is-somma li qed tigi hekk likwidata bl-imghax dekorribbli mil-lum; u

3. F'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi riformata u ghall-kumplament konfermata. L-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenut.

Dep/Reg

mm